



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9013/18

JEUN 59
EDUC 161
CULT 60
RELEX 420

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7834/18 JEUN 38 EDUC 122 CULT 38 RELEX 309	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol taż-żgħażaġħ fil-bini ta' soċjetà sikura, koeżiva u armonjuża fl-Ewropa

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol taż-żgħażaġħ fil-bini ta' soċjetà sikura, koeżiva u armonjuża fl-Ewropa, adottati mill-Kunsill fit-3617-il laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Mejju 2018.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol taż-żgħażaġh fil-bini ta' soċjetà sikura,
koeżiva u armonjuża fl-Ewropa**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

WAQT LI JFAKKAR FI:

1. L-isfond politiku għal din il-kwistjoni kif jinsab fl-Anness għal dawn il-konklużjonijiet.

JIEĦU NOTA TA':

2. L-aġenda għaż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà, kif tinsab fir-Riżoluzzjoni 2250 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, li tirrikonoxxi l-kontribut importanti u pożittiv taż-żgħażaġh fl-isforzi għaż-żamma u l-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà, u tafferma r-rwol importanti li ż-żgħażaġh jista' jkollhom fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-konflitti.
3. L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (Aġenda 2030) adottata min-Nazzjonijiet Uniti f'Settembru 2015 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), li jikkostitwixxu, fil-qalba tagħhom, qafas politiku trasformattiv li jeqred il-faqar u jikseb żvilupp sostenibbli. Huma jibbilanċjaw id-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali, inkluż il-kwistjonijiet ewlenin ta' governanza u ta' soċjetajiet paċifiċi, armonjużi u inklużivi, u jirrikonoxxu l-interkonnessjoni essenzjali bejn l-għanijiet u l-miri tagħhom.
4. L-Istrateġija Globali tal-Politika Etera u ta' Sigurtà Komuni tal-Unjoni Ewropea, li tipprevedi l-promozzjoni tar-reżiljenza soċjali wkoll bl-approfondiment tal-ħidma dwar l-edukazzjoni, il-kultura u ż-żgħażaġh għat-trawwim tal-pluraliżmu, il-koeżistenza u r-rispett.

5. Il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, li jipprevedi li ż-żgħażaġħ huma aġenti tal-iżvilupp u l-bidla u, bħala tali, huma kontributuri essenzjali għall-Aġenda 2030, inkluż permezz tal-kapaċità tagħhom għall-innovazzjoni, u jassumi li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jimmiraw ukoll biex isaħħu d-drittijiet taż-żgħażaġħ u l-awtonomizzazzjoni tagħhom fit-twettiq ta' affarijiet pubbliċi, inkluż bil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-ekonomiji, is-soċjetajiet u t-teħid ta' deċiżjonijiet lokali, b'mod partikolari permezz ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ.
6. Il-White Paper dwar il-futur tal-Ewropa¹, li tenfasizza r-rwol importanti tal-"valuri Ewropej".
7. Il-Konsultazzjoni Ewropea Reġjonali dwar "Iż-Żgħażaġħ, il-paċi u s-sigurtà" li saret fi Brussell, il-Belġju, mill-25-27 ta' Settembru 2017, organizzata mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fi sħubija mal-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Popolazzjoni, l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti ta' Appoġġ fil-qasam tal-Bini tal-Paċi u partijiet ikkonċernati ewlenin tas-soċjetà ċivili.

WAQT LI JIRRIKONOXXI LI:

8. In-numru ta' żgħażaġħ fid-dinja qed jiżdied - hemm 1.8 biljun tfal u żgħażaġħ (fl-età bejn il-15-24 sena) fid-dinja illum, u ser ikun hemm 72 miljun aktar sal-[2025].
9. In-numru ta' żgħażaġħ fl-Unjoni Ewropea huwa attwalment 88.9 miljun (2016).²
10. Il-"parteċipazzjoni" u ż-żgħażaġħ u d-dinja", fost suġġetti oħra, ġew inklużi bħala żewġ oqsma ta' prijorità ta' azzjoni fil-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-politika dwar iż-żgħażaġħ (2010-2018).

¹ Dok. 6952/17

11. L-aġenda għaż-"Żgħażaġħ, il-paċi u s-sigurtà"², kif tinsab fir-Riżoluzzjoni 2250 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU għandha rilevanza kemm fil-livell globali kif ukoll f'dak Ewropew. L-Ewropa hija waħda mill-aktar partijiet sikuri fid-dinja. Madankollu, kwistjonijiet strutturali, bħat-tibdil fil-klima, id-diżastri naturali, it-traffikar tal-bnedmin, l-opportunitajiet limitati ta' impjieg, u l-marġinalizzazzjoni, li jaffettwaw liż-żgħażaġh fl-Unjoni Ewropea - flimkien mat-theddida dejjem tikber tar-radikalizzazzjoni vjolenti - jisfidaw l-idea li l-Ewropa hija kontinent sikur u paċifiku.
12. Hemm bżonn li ż-żgħażaġh jiġu rikonoxxuti bħala atturi ewlenin fil-bini tad-demokrazija, il-ħolqien ta' narrattivi paċifiċi, il-bini tal-koeżjoni soċjali, u l-promozzjoni tal-valuri Ewropej. Hu importanti li fil-qasam taż-żgħażaġh, iż-żgħażaġh u l-partijiet ikkonċernati jiġu ingaġġati u rikonoxxuti bħala alleati ewlenin fil-bini tar-reżiljenza għall-ġlieda kontra tali kwistjonijiet, fiż-żamma tal-paċi u l-prevenzjoni tal-vjolenza, u fil-ħidma lejn soċjetà inklużiva u paċifika. F'dan il-kuntest, iż-żgħażaġh jista' jkollhom rwol importanti fl-enfasizzar tal-potenzjal taż-żgħażaġh li jkollhom rwol pożittiv fil-bini ta' soċjetà sikura, koeżiva u paċifika.

WAQT LI JENFASIZZA LI:

13. Illum fid-dinja kollha, aktar minn 600 miljun żagħżuġ jgħixu f'kuntesti fraġli u affettwati mill-kunflitti³. Huma fost dawk l-aktar affettwati mill-forom multipli ta' vjolenza ta' spiss interkonnessi - minn atti minuri ta' vjolenza sal-kriminalità organizzata u attacchi terroristiċi ta' estremiżmu vjolenti li huma ta' flaġell għall-komunitajiet tagħhom - u jġarrbu konsegwenzi umani, soċjali u ekonomiċi enormi u fit-tul. Għalhekk hu tal-akbar importanza li jitfasslu u jiġu implimentati politiki u programmi li jagħtuhom opportunitajiet biex jiżviluppaw ir-reżiljenza u jgħinu fl-inklużjoni tagħhom fis-soċjetà.

² Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti, Strateġija tal-UNDP għaż-Żgħażaġħ 2014-2017: Żgħażaġħ Emanċipati, Futur Sostenibbli (New York, 2014)

³ Il-karta tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-edukazzjoni għal ċittadinanza demokratika u l-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem.

14. Ħafna pajjiżi Ewropej reċentement ġarrbu rati għolja ta' qgħad fost iż-żgħażaġh u kwistjonijiet relatati mal-esklużjoni soċjali. Bħala riżultat gruppi ta' żgħażaġh qegħdin dejjem aktar jagħżlu sorsi ta' sfog bħal espressjonijiet negattivi ta' populiżmu, il-propaganda, id-diskorsi ta' mibegħda, u l-ksenofobija, li għandhom il-potenzjal li jwasslu għal estremiżmu vjolenti, u b'hekk ikunu ta' dannu għall-identità multikulturali tagħna bħala Ewropej. Għalhekk, huwa kruċjali li ż-żgħażaġh jiġu appoġġati fl-għażla ta' opportunitajiet ġodda bħal teknoloġiji ġodda u d-diġitalizzazzjoni, u l-indirizzar ta' sfidi ġodda bħall-aħbarijiet foloz u l-globalizzazzjoni.
15. Huwa kruċjali li nżommu f'moħħna li ż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà mhijiex sempliċiment aġenda globali - hija wkoll aġenda Ewropea. Inġenerali iż-żgħażaġh għandhom fehim olistiku ta' li tinżamm il-paċi u għalhekk huma għandhom rwol kruċjali fl-indirizzar tat-tipi differenti ta' vjolenza, diskriminazzjoni u inġustizzja li jaffettwawhom, inkluż il-vjolenza domestika, il-vjolenza sessista, il-propaganda, il-forom kollha ta' bulliżmu, iż-żwieġ bikri u furzat, id-diskriminazzjoni u n-nuqqas ta' rispett etniċi, permezz ta' strumenti differenti bħad-djalogu interkulturali permezz tal-mobilità, l-impjieġ taż-żgħażaġh, il-volontarjat u t-tagħlim mhux formali u informali.
16. Iż-żgħażaġh huma innovaturi u aġenti tal-bidla siewja, u l-kontributi tagħhom għandhom jiġu appoġġati b'mod attiv, sollicitati u meqjusa bħala essenzjali fil-bini ta' soċjetà paċifika u li tappoġġa l-governanza demokratika. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh tippromwovi l-ingaġġar ċiviku u ċ-ċittadinanza attiva. Barra minn hekk, l-edukazzjoni għal ċittadinanza demokratika, inkluż iċ-ċittadinanza diġitali flimkien mal-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-edukazzjoni għall-paċi u l-ħsieb kritiku, għandhom rwol ewlieni fl-iżvilupp tagħhom. F'dak il-kuntest, il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa tista' tkun ta' kontribut siewi.

WAQT LI JISSOTTOLINJA LI:

17. Il-mobilità taż-żgħażaġh hija kruċjali għall-iskambju tal-ideat, it-tifrix tal-innovazzjoni, it-trattament tal-qgħad u ta' kwistjonijiet soċjali, l-istabbiliment ta' relazzjonijiet sodi bejn il-persuni, l-ġhajjnuna fl-iżvilupp personali, l-inkoraġġiment għall-akkwist ta' ħiliet personali u transversali, kif ukoll il-promozzjoni ta' kompetenzi interkulturali u l-ġlieda kontra l-preġudizzji u d-diskriminazzjoni. Għalhekk għandha tiġi promossa biex tinkiseb soċjetà inklużiva, koeżiva u sikura għal kulħadd.
18. Il-ħidma taż-żgħażaġh u t-tagħlim mhux formali u informali għandhom rwol sinifikanti fl-indirizzar tal-marġinalizzazzjoni u r-radikalizzazzjoni taż-żgħażaġh. Barra minn hekk, il-ħidma taż-żgħażaġh tgħin fil-ġlieda kontra l-marġinalizzazzjoni u r-radikalizzazzjoni taż-żgħażaġh u tippermetti liż-żgħażaġh jifhmu aħjar d-drittijiet tal-bniedem u l-valuri demokratiċi fil-prattika.
19. Hu ta' importanza kbira li tkompli tiġi żviluppata u promossa l-kooperazzjoni internazzjonali tal-partijiet ikkonċernati kollha inklużi iż-żgħażaġh, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, il-mexxejja taż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh mill-Unjoni Ewropea u lil hinn, peress li dan jikkostitwixxi kontribut fil-bini ta' fiduċja u t-tiswir ta' relazzjonijiet futuri ġewwa u barra l-Ewropa.

JENFASIZZA L-OQSMA GĦALL-AZZJONI LI ĠEJJIN:

A. Kooperazzjoni transettorjali bbażata fuq metodi innovattivi ta' komunikazzjoni, il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki u d-djalogu effettiv

20. L-aġenda għaż-żgħażaġh, il-paċi u s-sigurtà tinsab fil-politiki interni u esterni kollha tal-UE dwar il-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, il-paċi u s-sigurtà u d-drittijiet tal-bniedem. L-aqwa użu mis-sinerġiji u l-iżgurar tal-koerenza bejn ir-reazzjonijiet tal-politiki għall-isfidi li jiffaċċaw il-politiki interni u esterni tal-Unjoni jistgħu jintlaħqu biss permezz tal-isforzi kombinati ta' ħafna partijiet ikkonċernati differenti.

F'DAN IL-KUNTEST IL-KUNSILL JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LIS-SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA FI ĦDAN L-ISFERI TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM BIEX:

21. Jippromwovu l-kooperazzjoni transettorjali bbażata fuq metodi innovattivi ta' komunikazzjoni, kondiviżjoni ta' Prattiki tajba u djalogu effettiv bejn is-settur taż-żgħażaġh u l-oqsma ta' politiki differenti u l-awtoritajiet rilevanti sabiex jikkunsidraw l-inklużjoni taż-żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet li jaħdmu għaż-żgħażaġh bħala sħab siewja fir-rinfurzar tar-reżiljenza soċjali u tal-istat u l-bini ta' soċjetà koeżiva.
22. Jimmobilizzaw l-għarfien espert, jippromwovu l-innovazzjoni u japprofondixxu s-sħubijiet ta' multi partijiet ikkonċernati bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, is-soċjetà ċivili, iż-żgħażaġh u l-partijiet ikkonċernati fil-qasam taż-żgħażaġh u lil hinn permezz tat-tisħiħ tar-rwol taż-żgħażaġh fiż-żamma tal-paċi.

Jippromwovu l-iskambju ta' djalogu, kooperazzjoni u Prattiki tajba relatati mal-aġenda għaż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà bejn il-partijiet ikkonċernat ewlenin, permezz tar-rinfurzar tal-kapitolu tal-kooperazzjoni globali tal-Programm Erasmus +, u mekkaniżmi oħra għall-iskambju ta' Prattiki tajba. Dan għandu wkoll jimmobilizza liż-żgħażaġh u joħloq ħolqa bejn l-awtoritajiet li jieħdu d-deċiżjonijiet, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet għaż-żgħażaġh li jaħdmu għaż-żamma tal-paċi u l-bini ta' soċjetà armonjuża u koeżiva.

B. Nistinkaw għal soċjetajiet koeżivi u armonjużi: nibnu fuq l-approċċ ibbażat fuq evidenza

23. Fi żmien meta l-Ewropa qed tipprowa tindirizza diskors ta' mibegħda u tnaqqas il-forom kollha ta' vjolenza hu importanti li jiġi żviluppat diskors paċifiku li jippromwovi l-valuri komuni⁴ tal-UE tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.

⁴ Ara l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

F'DAN IL-KUNTEST IL-KUNSILL JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LIS-SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA FI ĦDAN L-ISFERI TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM BIEX:

24. Jippromwovu, jirrieżaminaw u jenfasizzaw l-prattiki tajba rigward ir-rwol taż-żgħażaġh fiż-żamma tal-paċi u l-prevenzjoni tal-vjolenza bħala sors ta' produzzjoni ta' għarfien u għodda siewja li jbiddu "narrativi negattivi" dwar iż-żgħażaġh. Ir-riżultati kwalitattivi u l-eżempji bbażati fuq l-evidenza tal-kontributi taż-żgħażaġh fiż-żamma tal-paċi u s-solidarjetà għandhom jiġu ppjanati u miġbura sistematikament fl-Ewropa, inkluż b'kooperazzjoni mal-Istati Membri fi ħdan il-Youth Wiki.

C. Tiġi żgurata parteċipazzjoni taż-żgħażaġh attiva u sinifikanti fil-bini ta' soċjetajiet paċifiċi u inklużivi

25. Il-parteċipazzjoni attiva u ugwali (appoġġata permezz tal-bini ta' kapaċità) taż-żgħażaġh, speċjalment dawk b'anqas opportunitajiet fil-livelli kollha tal-ħajja ċivili u politika hija kondizzjoni essenzjali għall-bini ta' soċjetajiet paċifiċi, koeżivi u ugwali. Hu wkoll importanti li jinqerdu l-faqar u l-esklużjoni soċjali li jwasslu għall-marġinalizzazzjoni taż-żgħażaġh.
26. Hemm rikonoxximent dejjem jikber li ż-żgħażaġh huma aġenti tal-bidla fil-prevenzjoni ta' kunflitti, il-promozzjoni tal-inklużjoni u l-ġustizzja soċjali, u ż-żamma tal-paċi. Il-promozzjoni tal-paċi u l-istabbiltà teħtieġ sħubija globali bejn il-partijiet ikkonċernati, iż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet għaż-żgħażaġh kollha li għandhom rwol vitali f'dan ir-rigward. Ix-xogħol taż-żgħażaġh ukoll għandu rwol importanti fil-bini tal-paċi u l-promozzjoni tas-solidarjetà.

F'DAN IL-KUNTEST IL-KUNSILL JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LIS-SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA FI ĦDAN L-ISFERI TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM BIEX:

27. Jiżdiedu l-opportunitajiet għal parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh fiż-żamma tal-paċi u s-sigurtà fil-livelli kollha, meta u fejn possibbli, permezz ta' mekkaniżmi parteċipatorji.
28. Jiġi ffaċilitat aċċess anqas diffiċli għad-data u l-għarfien mill-istudji reċenti u r-riżultati ta' riċerka dwar il-parteeipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika fl-Ewropa fost iż-żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati oħra.
29. Tiġi promossa l-parteeipazzjoni attiva taż-żgħażaġh fis-soċjetà, inkluż iż-żgħażaġh b'anqas opportunitajiet, u l-mobilità transkonfinali u l-kuntatti bejn il-persuni, biex b'hekk jiġi faċilitat l-iskambju tal-ideat u t-tixrid tal-innovazzjoni permezz tal-programmi attwali u futuri.

F'DAN IL-KUNTEST IL-KUNSILL JISTIEDEN LIS-SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA BIEX:

30. Imexxi 'l quddiem il-ħidma dwar l-impenn tal-UE mal-aġenda għaż-żgħażaġh, il-paċi u s-sigurtà kif ukoll l-impenji interreġjonali ewlenin⁵, bi sħubija man-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, inkluż l-istrutturar progressiv ta' sħubija UE-NU dwar iż-żgħażaġh fil-bini tal-paċi.

⁵ Il-Perkors taż-Żgħażaġħ tal-Ħames Summit UA-UE u l-Inizjattiva tal-Lehen taż-Żgħażaġħ Mediterranji

D. Jinżamm u jitrawwem d-djalogu interkulturali bejn iż-żgħażaġh ġewwa u lil hinn mill-Ewropa

31. Id-djalogu interkulturali għandu funzjonijiet multipli u jista. jiġi rikonoxxut bħala kontribut għall--paċi u s-sigurtà fl-UE u l-pajjiżi ġirien. Il-parteċipazzjoni fi djalogu interkulturali tipprovdi opportunitajiet varji għaż-żgħażaġh biex jieħdu pożizzjoni ta' mexxejja, jiġu avvanzati l-proċessi ta' rikonċiljazzjoni u jitnaqqsu l-preġudizzju, in-nuqqas ta' fehim u d-diskriminazzjoni fost il-gruppi differenti kif ukoll fil-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u l-estremiżmu vjolenti bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem.

F'DAN IL-KUNTEST IL-KUNSILL JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LIS-SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA FI ĦDAN L-ISFERI TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM BIEX:

32. Jappoġġaw il-kooperazzjoni, id-djalogu u l-fehim reċiproku internazzjonali bejn iż-żgħażaġh, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, il-mexxejja taż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet għaż-żgħażaġh⁶ mill-UE u lil hinn bħala għodda importanti li tappoġġa ċ-ċittadinanza Ewropea u l-proċessi ta' demokratizzazzjoni.

⁶ B'"Organizzazzjonijiet taż-Żgħażaġħ" huwa mifhum organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li għalihom il-korp ta' koordinazzjoni jkun prinċipalment magħmul minn żgħażaġh. B'"Organizzazzjonijiet għaż-Żgħażaġħ" huwa mifhum organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jipprovdu servizzi għaż-żgħażaġh iżda li l-korpi ta' koordinazzjoni tagħhom ma jikkonsistux minn żgħażaġh biss.

E. Il-bini tar-reżiljenza u l-ħsieb kritiku permezz ta' tagħlim mhux formali u informali u l-approċċ bejn il-pari

33. Is-sensibilizzazzjoni u l-fehim taż-żgħażaġh tal-valuri komuni tal-UE⁷ bħar-rispett għad-demokrazija, l-ugwaljanza, id-drittijiet tal-bniedem, is-solidarjetà, iċ-ċittadinanza u d-diversità għandhom ikunu appoġġati flimkien mal-litteriżmu tagħhom fil-media u l-informazzjoni. Dan jikkontribwixxi għal ħsieb kritiku u għal sensibilizzazzjoni u għarfien dwar kif l-informazzjoni tista' tkun preġudikata u sfruttata minn gruppi estremisti vjolenti sabiex ixerrdu l-propaganda.
34. Kif maqbul u introdott fil-Kunsill tal-Ewropa, *Edukazzjoni għal ċittadinanza demokratika u l-edukazzjoni għad-drittijiet tal-bniedem* huma interrelatati mill-qrib u jappoġġaw lil xulxin⁸. Dan il-metodu mhux formali tal-edukazzjoni u t-taħriġ huwa strument li primarjament jiffoka fuq il-promozzjoni tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet demokratiċi u l-parteċipazzjoni attiva, fir-rigward tal-isferi tas-soċjetà ċiviċi, politiċi, soċjali, ekonomiċi, legali u kulturali.

F'DAN IL-KUNTEST IL-KUNSILL JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LIS-SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA FI ĦDAN L-ISFERI TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGħHOM BIEX:

35. Jikkunsidraw il-promozzjoni u r-rinfurzar, meta u fejn rilevanti, tal-kunċett tal-"Edukazzjoni għal ċittadinanza demokratika u l-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem"¹⁰, li jista' jiġi implimentat fl-ambjenti ta' tagħlim formali u mhux formali u l-approċċ bejn il-pari, waqt li jiġu rispettati s-sussidjarjetà u l-libertà tal-edukazzjoni.
36. Tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni fil-Kunsill tal-Ewropa fi ħdan il-ftehim ta' sħubija.

⁷ Ara l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

⁸ Il-Karta tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Edukazzjoni għal Ċittadinanza Demokratika u l-Edukazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Adottata fil-qafas tar-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)7 u l-Kumitat tal-Ministri)

Fl-adozzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill IFAKKAR b'mod partikolari f'dan li ġej:

1. Strateġija Globali tal-UE għall-Politika Etera u ta' Sigurtà, b'enfasi speċjali fuq ir-reżiljenza
2. Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp / Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (2016).
3. Approċċ komprensiv tal-UE dwar is-Sessi, il-Paċi u s-Sigurtà.
4. Linji Gwida riveduti għall-Istrateġija tal-UE Kontra r-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ għat-Terroriżmu (9640/16 u 14276/16).
5. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażaġh għall-appoġġ liż-żgħażaġh fl-iżvilupp ta' ħilet essenżjali għall-ħajja li jiffaċilitaw it-transizzjoni b'suċċess tagħhom għall-ħajja adulta, iċ-ċittadinanza attiva u l-ħajja tax-xogħol (9624/17).
6. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tas-settur taż-żgħażaġh f'approċċ integrat u transsettorjali biex tiġi evitata u miġġielda r-radikalizzazzjoni vjolenti taż-żgħażaġh (9640/16)
7. Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015 – 2019 (2015)
8. Il-laqgħa informali tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tat-12 ta' Frar 2015 fejn il-membri tal-Kunsill Ewropew appellaw għal approċċ komprensiv, li jinkludi, fost l-oħrajn, inizjattivi rigward l-integrazzjoni soċjali, li huma ta' importanza kbira biex tiġi evitata r-radikalizzazzjoni vjolenti.
9. Id-Dikjarazzjoni adottata mill-Ministri għall-Edukazzjoni tal-UE waqt il-laqgħa informali tagħhom f'Pariġi tas-17 ta' Marzu 2015 li fiha huma jipprovdu gwida dwar kif wieħed għandu jikkoopera fil-livell Ewropew. L-importanza tal-isforzi għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-emarġinazzjoni, l-intolleranza, ir-razziżmu u r-radikalizzazzjoni, u sabiex tiġi promossa ċ-ċittadinanza taż-żgħażaġh u jiġi ppreservat qafas ta' opportunitajiet indaqs għal kulħadd, ġew enfasizzati.
10. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda tas-17 ta' Ġunju 2015, li jagħtu prijorità lill-kwistjonijiet speċifiċi ta' diżimpenn, riabilitazzjoni u deradikalizzazzjoni/antiradikalizzazzjoni bħala prijorità għal azzjoni fis-snin li ġejjin (9416/15).

11. Il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2016-2018 li jiffoka fuq l-inklużjoni soċjali dejjem tiżdied għaż-żgħażaġh kollha, b'kont meħud tal-valuri sottostanti Ewropej, u r-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażaġh kemm fid-dinja mhux diġitali kif ukoll fid-dinja diġitali.
12. Ir-Rapport Konġunt tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar "l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (2010-2018)" li ssottolinja li ż-żgħażaġh għandhom ikunu kapaċi jikbru f'komunitajiet inklużivi u pluralisti bbażati fuq il-valuri demokratiċi Ewropej. Ir-Rapport Konġunt tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ juri wkoll il-ħtieġa li tingħata aktar setgħa liż-żgħażaġh differenti, speċjalment dawk li qegħdin fir-riskju tal-esklużjoni.
13. Kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa fi ħdan il-Ftehim ta' Sħubija.
14. L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà, tat-28 ta' April 2015, li fiha l-Kummissjoni tikkunsidra l-parteciġazzjoni taż-żgħażaġh bħala fattur ewlieni fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni billi jiġu promossi l-valuri Ewropej u titrawwem l-inklużjoni soċjali, filwaqt li tisemma wkoll in-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (RAN), li tiġbor l-UE kollha u li tippermetti l-iskambju ta' esperjenzi u prattiki li jiffaċilitaw l-individwazzjoni bikrija tar-radikalizzazzjoni u t-fassil ta' strateġiji preventivi u ta' diżimpenn fil-livell lokali.
15. Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2015 dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi.
16. Riżoluzzjoni 2250 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar iż-żgħażaġh, il-paċi u s-sigurtà.
17. Il-125 sessjoni tal-Kumitat tal-Ministri - Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kumitat tal-Ministri (Brussell, 19 ta' Mejju 2015), CM(2015)74 final, dwar "Il-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti u r-radikalizzazzjoni li jwasslu għat-terroriżmu", u l-Pjan ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Prevenzjoni tal-Estremiżmu Vjolenti.
18. "Prinċipji gwida għall-parteciġazzjoni taż-żgħażaġh fil-bini tal-paċi" tal-Grupp ta' Ħidma tal-InterAġenzija tan-NU dwar iż-Żgħażaġħ u l-Bini tal-Paċi.